A.L. 66 ta' l-1998

ATT DWAR IS-SALARJI TA' L-IMĦALLFIN U TAL-MAĠISTRATI (KAP. 175)

Ordni ta' l-1998 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji ta' l-Imħallfin u Maġistrati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 2 u 3 ta' l-Att dwar is-Salarji ta' l-Imħallfin u tal-Maġistrati, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1998 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji ta' l-Imħallfin u Maġistrati, u għandu jitqies li beda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 1997.

Reviżjoni tas-salarji ta' Prim Imħallef, Imħallfin oħra u Maġistrati.

2. Għandu jitħallas lid-detenturi tal-karigi speċifikati fl-ewwel kolonna ta' l-Iskeda li tinsab ma' din l-ordni, minflok is-salarji preskritti fl-artikoli 2 u 3 ta' l-Att, is-salarji fis-sena rispettivament speċifikati kontra kull waħda minn dawk il-karigi fit-tieni, it-tielet u r-raba' kolonna ta' dik l-Iskeda.

SKEDA

(Artikolu 2)

Kariga	Salarju b'seħħ mill-1/1/97	Salarju b'seħħ mill-1/4/97	Salarju b'seħħ mill-1/1/98
Prim Imħallef	Lm10,800	Lm10,813	Lm10,891
Imħallfin oħra	Lm 9,400	Lm 9,413	Lm 9,491
Maġistrati tal-Qorti Inferjuri	Lm 7,990	Lm 8,001	Lm 8,067